# QORTI ĊIVILI
# PRIM AWLA
# (Sede Kostituzzjonali)

## ONOR IMĦALLEF
## DR FRANCESCO DEPASQUALE
**LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Seduta ta' nhar il-Ħamis**
**Sittax (16) ta' Diċembru 2021**

**Rikors Numru 64 / 2015 FDP**

Fl-ismijiet

**Alexander Barbara (ID 82838(M))**

**vs**

**L-Avukat Ġenerali u b'digriet tal-24 ta' Settembru 2015 ġew kjamati in kawża Grezzju Farrugia, Francis Farrugia, Michelina Barbara u Mario Farrugia; u b'digriet tal-14 ta' Jannar 2016 ġie kjamat fil-kawża id-Direttur Qrati Ċivili u Tribunali**

**Il-Qorti:-**

1. Rat ir-rikors datat 4 ta' Awissu 2015, li permezz tiegħu r-rikorrent talab is-segwenti:

*1. Introduzzjoni*

*1.1. L-esponenti ser jibda` sabiex jispjega r-retroxena tal-fatti li wasslu għall-preżentata ta' dan ir-rikors u mbagħad jgħaddi sabiex jispjega l-ilment kostituzzjonali u konvenzjonali mertu ta' l-istess;*

*1.2. L-esponenti huwa parti fi proċeduri ġudizzjarji bħalissa pendenti quddiem l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell li għandhom in-numru taċ-Ċitazzjoni 634/2005/SM fl-ismijiet Grezzju Farrugia et v. Alexander Barbara et. Fil-qasir ħafna, dawn il-proċeduri ġudizzjarji jittrattaw dwar ġardina li tagħti għal fuq Triq Burgrat, Gudja li fuqha bena l-esponenti Alexander Barbara. L-esponenti jsostni li din il-ġardina hija tiegħu kemm għaliex kien wiritha missieru Giovanni Barbara kif ukoll għaliex l-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Ċivili kienet ġa ddeċidiet li hija proprjeta` ta' missieru. Fil-fatt, il-proċeduri ġudizzjarji appena imsemmija ma kinux l-unika proċeduri ġudizzjarji li l-mertu tagħhom kienet il-ġardina in kwistjoni. L-ewwel kawża li kienet saret kienet dik deċiża b'sentenza ta' nhar il-31 ta' Jannar, 1997 fl-atti taċ-Ċitazzjoni bin-numru: 247/1979/FGC fl-ismijiet Giovanni Barbara et v. Carmelo Farrugia. Din kienet kawża ta' spoll li nbdiet mill-predeċessuri fit-titolu ta' l-esponenti ċioe` missieru kontra l-predeċessuri fit-titolu ta' l-atturi fil-kawża bħalissa pendenti quddiem l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell. Permezz ta' din il-kawża, il-predeċessuri fit-titolu ta' l-esponenti kienu ilmentaw u fil-fatt ippruvaw li l-predeċessuri fit-titolu ta' l-atturi fil-kawża bħalissa pendenti quddiem l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell kienu invadew parti mill-ġardina li kienet proprjeta` tal-predeċessuri fit-titolu ta' l-esponenti. Kien inħatar il-Perit Tekniku Rene' Buttiġieg u meta ppreżenta r-relazzjoni tiegħu saħansitra ħejja u annetta pjanta li turi d-delimitazzjoni tal-konfini bejn il-proprjetajiet rispettivi. Minn tali pjanta kien irriżulta wkoll li l-predeċessuri fit-titolu ta' l-atturi fil-kawża bħalissa pendenti quddiem l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell kienu invadew il-proprjeta` tal-predeċessuri fit-titolu ta' l-esponenti. Relevanti ħafna hija l-kunsiderazzjoni li kienet għamlet l-ewwel Onorabbli Qorti fis-sentenza tagħha - li ma kenitx ġiet appellata - fis-sens li ġej: Dan il-ħajt jinsab delinejat mill-perit tekniku fil-pjanta Dok. RB4 eżebita a fol. 131 tal-proċess; u l-istess perit wasal għall-konklużjoni li dan huwa mibni fil-proprjeta` ta' l-atturi. Għalhekk, minbarra li l-atturi huma possessuri tal-art ossija ġardina li fuqha nbena l-ħajt in kwistjoni, jirriżulta wkoll illi din il-ġardina hija proprjeta` tagħhom, kif ippremettew fiċ-ċitazzjoni;*

*1.3. Kien ġie ritenut hekk għaliex il-provi miġjuba mill-predeċessuri ta' l-esponenti kienu tant ċari li ma jħallu l-ebda dubju mhux biss ta' l-element tal-pussess għal finijiet ta' kawża ta' spoll iżda anke dwar it-titolu tal-predeċessuri fit-titolu ta' l-esponenti dwar il-ġardina in kwistjoni. Il-Perit Rene' Buttiġieg kien saħansitra ħejja pjanta illi fuqha stabbilixxa il-linja ta' demarkazzjoni tal-konfini bejn il-proprjetajiet rispettivi tal-kontendenti. Qabel din il-kawża ta' spoll, il-predeċessuri fit-titolu ta' l-esponenti kienu wkoll ippreżentaw mandat ta' inibizzjoni*

*kontra l-predeċessuri fit-titolu ta' l-atturi fil-kawża bħalissa pendenti quddiem l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell li kellu n-numru 97/1979. Fl-atti ta' dak il-mandat ta' inibizzjoni kien inħatar perit tekniku ieħor, il-Perit Tekniku Edwin Calleja, li wkoll kien wasal għal konklużjoni illi l-predeċessuri fit-titolu ta' l-atturi fil-kawża bħalissa pendenti quddiem l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell invadew proprjeta` tal-predeċessuri fit-titolu ta' l-esponenti. Miegħu kien inħatar l-Avukat Carmelo Vassallo li rrelata fl-istess sens;*

*1.4. F'dawn il-kawżi u kif ser jirriżulta ampjament matul it-trattazzjoni ta' dan ir-rikors, il-predeċessuri fit-titolu ta' l-atturi fil-kawża bħalissa pendenti quddiem l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell ma kinux qegħdin jikkontendu illi l-predeċessuri fit-titolu ta' l-esponenti ma għandhomx jeddijiet fuq il-ġardina in kwistjoni iżda kienu qegħdin jikkontendu l-estent tal-parti tal-ġardina li l-predeċessuri fit-titolu ta' l-esponenti għandhom jedd fuqha. Il-kwistjoni kienet waħda ta' kejl. Tali kwistjoni ġiet determinata mir-relazzjoni tal-Perit Rene' Buttiġieg li ffurmat il-bażi tas-sentenza li kienet ingħatat mill-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Ċivili nhar il-31 ta' Jannar 1997. Minn din is-sentenza ma sar l-ebda appell;*

*1.5. Imbagħad meta l-esponenti beda x-xogħolijiet ta' kostruzzjoni fuq il-parti tal-ġardina spettanti lilu skont it-titolu tiegħu u skont dak li kien irrelata l-Perit Rene' Buttiġieg, huwa ġie rinfaċċjat b'serje ta' proċeduri ġudizzjarji fosthom rikors għal ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni bin-numru 1389/2003/NC fl-ismijiet Carmelo Farrugia et v. Alexander Barbara li permezz tiegħu intalab li l-esponenti jiġi mwaqqaf milli jagħmel xogħolijiet fuq il-ġardina li tinstab fuq in-naħa ta' wara tal-fond numru 70 ġia 69 fi Triq Santa Marija, il-Gudja. L-esponenti kien wieġeb - fis-sustanza - fis-sens li l-uniku xogħol li kien ser jintraprendi kien li ser itella' l-ħajt diviżorju fuq il-linja medjana bejn il-proprjeta` tiegħu u dik adjaċenti kif traċċjata mill-Perit Rene' Buttiġieg li kien ġie nominat fil-kawża biċ-Ċitazzjoni bin-numru: 247/1979/FGC fl-ismijiet Giovanni Barbara et v. Carmelo Farrugia et deċiża nhar il-31 ta' Jannar, 1997 u eżebixxa, fost oħrajn, is-sentenza imsemmija, il-pjanta li kien ħejja l-Perit Rene' Buttiġieg li turi d-delimitazzjoni tal-konfini bejn il-proprjetajiet rispettivi u r-relazzjoni teknika li kien ħejja l-istess Perit Rene' Buttiġieg fl-atti ta' l-istess kawża. Fl-atti ta' dak il-mandat ta' inibizzjoni, kien reġa' nħatar mill-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Ċivili il-Perit Rene' Buttiġieg li reġa' irrelata permezz ta' relazzjoni li permezz tagħha reġa' kkonferma l-kostatazzjonijiet preċedenti tiegħu dwar fejn għandha tiġi l-linja medjana u li f'dan il-każ l-esponenti kien qiegħed jagħmel żvilupp fil-proprjeta` tiegħu. B'digriet mogħti mill-ewwel Onorabbli Qorti nhar id-19 ta' Jannar, 2004, it-talba għall-ħruġ ta' dak il-mandat kienet ġiet miċħuda bl-ispejjeż peress li ġie ritenut li ma kenitx ġustifikata;*

*1.6. Imbagħad nhar l-1 ta' Lulju 2005 ġiet ippreżentata kontra l-esponenti l-kawża hawn fuq imsemmija pendenti quddiem l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell li għandha n-numru taċ-Ċitazzjoni 634/2005/SM fl-ismijiet Grezzju Farrugia et v. Alexander Barbara et u din id-darba l-atturi f' dawk il-proċeduri bdew jikkontendu illi l-esponenti ma għandu xejn mill-ġardina in kwistjoni u li kien bena fuq proprjeta` tagħhom;*

*1.7. Id-difiża ta' l-esponenti f'dik il-kawża, kienet u għadha, sostanzjalment impernjata fuq il-proċeduri ġudizzjarji li kien hemm qabel ossija fuq il-provi akkwiżiti f'dawk il-proċeduri, fuq ir-relazzjonijiet li ġew ippreżentati u fuq is-sentenzi mogħtija. Kien għalhekk illi sa mill-preżentata tan-nota ta' l-eċċezzjonijiet tiegħu, l-esponenti talab illi jiġu allegati l-proċessi tal-proċeduri kollha li kien hemm pendenti rigward il-ġardina in kwistjoni. L-ewwel udjenza fil-kawża hawn fuq imsemmija pendenti quddiem l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell li għandha n-numru taċ-Ċitazzjoni 634/2005/SM fl-ismijiet Grezzju Farrugia et v. Alexander Barbara et inżammet nhar is-7 ta' Novembru 2005 fejn - kif ser jirriżulta - ġiet ordnata l-allegazzjoni tal-kawża biċ-Ċitazzjoni bin-numru: 247/1979/FGC fl-ismijiet Giovanni Barbara et v. Carmelo Farrugia et deċiża nhar il-31 ta' Jannar 1997 u l-atti tal-mandat ta' inibizzjoni bin-numru: 97/1979. Kważi tliet (3) snin wara jidher li l-atti ordnati li jiġu allegati kien għadhom ma ġewx allegati tant illi waqt l-udjenza ta' nhar it-3 ta' April 2008 filwaqt li saret referenza għall-verbal ta' l-udjenza ta' nhar is-7 ta' Novembru 2005 ġiet ordnata komunika lir-Reġistratur tal-Qrati u Tribunali Ċivili. Imbagħad nhar l-4 ta' Ġunju 2008 ġiet ippreżentata nota mid-Direttur, Qrati Ċivili u Tribunali - liema nota ma ġietx notifikata lill-partijiet jew lid-difensuri tagħhom - fis-sens illi l-atti li tagħhom ġiet ordnata l-allegazzjoni ma nstabux. Il-kawża damet tkarkar għal diversi snin, l-atturi f'dik il-kawża ddikjaraw li ma għandhomx aktar provi fis-seduta ta' nhar it-30 ta' Mejju 2013. Wara talbu l-ħatra ta' perit tekniku u l-esponenti oġġezzjonaw għaliex ġia kien irrelata l-Perit Rene' Buttiġieg fl-atti li kellhom jiġu allegati u l-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili ġaħdet it-talba għar-raġunijiet mogħtija fir-risposta ta' l-esponenti;*

*1.8. Purtroppo x'ħin il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili ġiet biex tagħti s-sentenza tagħha - dik ta' nhar is-26 ta' Frar 2015 - evidentament ma kellhiex quddiemha l-atti proċesswali li kellhom jiġu allegati jew ma rathomx għaliex is-sentenza hija interament ibbażata fuq rapport ta' perit inkarigat ex parte mill-parti avversarja u s-sentenza hija kważi fl-intier tagħha eżerċizzju ta' riproduzzjoni testwali ta' tali rapport ex parte. Dan wassal biex l-esponenti jkun il-parti sokkombenti f'dak il-ġudizzju minkejja dak li kien ġia ġie deċiż u r-relazzjonijiet li saru fil-proċeduri kollha preċedenti. Huwa intavola appell u ilmenta, fost affarijiet oħra, mill-fatt li l-atti li kellhom jiġu allegati ma nstabux mid-Direttur, Qrati Ċivili u Tribunali. L-atturi f'dik il-kawża wieġbu u filwaqt illi ma ċaħdux*

*dan il-fatt stqarrew illi l-esponenti messu lmenta qabel. L-esponenti ikkomunika wkoll mad-Direttur, Qrati Ċivili u Tribunali u minn riċerka li saret irriżulta li l-atti li kellhom jiġu allegati kienu jinstabu f'cupboard fis-sigrieta ta' l-Imħallef li ta s-sentenza;*

*1.9. L-ilment kostituzzjonali u konvenzjonali ta' l-esponenti huwa kemm fil-konfront tal-proċess kollu quddiem l-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Ċivili kif ukoll fil-konfront tas-sentenza mogħtija mill-istess Qorti in kwantu huwa jsostni illi ġie serjament leż il-jedd tiegħu għal smigħ xieraq kif sanċit fl-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u fl-artikolu 6 tal-Konvenzjoni għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fondamentali inkorporata fil-Liġijiet ta' Malta bis-saħħa tal-Kap. 319 tal-Liġijiet ta' Malta u dan kif ser jiġi spjegat fid-dettall f'dan ir-rikors;*

*2. Dwar il-proċess quddiem l-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Ċivili*

*2.1. Kif ser jirriżulta ampjament matul it-trattazzjoni ta' dan ir-rikors, id-difiża ta' l-esponenti kienet impernjata sostanzjalment fuq il-provi akkwiżiti fil-proċeduri ġudizzjarji preċedenti, b'mod partikolari fuq ir-relazzjonijiet li ġew ippreżentati u maħlufa u fuq is-sentenzi mogħtija;*

*2.2. Filwaqt illi l-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Ċivili ġustament laqgħet it-talba għall-allegazzjoni ta' dawn l-atti, effettivament jidher illi kien hemm dubju serju kemm effettivament dawn l-atti qatt instabu u ġew allegati u jekk tassew instabu qabel ma ngħatat is-sentenza u ġew allegati, evidentament dawn ma ġewx ikkunsidrati fis-sentenza mogħtija;*

*2.3. Jibda billi jingħad illi huwa nuqqas serju illi kważi tliet (3) snin wara li ġiet ordnata l-allegazzjoni ta' l-atti proċesswali hawn fuq imsemmija, ma kienu ttieħdu l-ebda passi mill-amministrazzjoni sabiex dawn jiġu effettivament allegati;*

*2.4. Huwa nuqqas serju ieħor illi wara t-trapass ta' l-istess żmien, id-Direttur, Qrati Ċivili u Tribunali jgħid illi l-istess atti proċesswali taħt il-kustodja tiegħu ma nstabux mingħajr imqar ma jinnotifika lill-partijiet u jew lid-difensuri tagħhom;*

*2.5. Nuqqas serju ieħor huwa li jekk tali atti proċesswali fil-fatt instabu xi ħin matul l-andament tal-kawża, għalkemm ma jidhirx li dan huwa tassew il-każ, ma saritx nota minn naħa tad-Direttur, Qrati Ċivili u Tribunali fejn jikkoreġi l-informazzjoni mogħtija permezz tan-nota tiegħu fejn informa lill-Qorti li l-atti ma nstabux;*

*2.6. L-esponenti jħoss illi huwa nuqqas serju fil-konfront tiegħu, illi illedielu l-jedd ta' smigħ xieraq, illi kien hemm dan l-intopp jew ostakolu*

*fit-tressiq tal-provi tiegħu liema provi kienu tant importanti għad-difiża minnu mressqa. Dan ma kienx xi inċident marġinali jew xi prova li setgħet leġġerment tiġi skartata iżda kienu atti proċesswali kontenenti relazzjonijiet tekniċi li ġia kienu ddeċidew fuq il-punt kontrovers fil-kawża. Tant kemm kienu importanti dawn il-provi li ftit li xejn kienet ser tagħmel differenza x'jgħidu x-xhieda fil-kawża iżda kien importanti x'qalu x-xhieda fil-kawża preċedenti u x'attwalment irrelataw il-periti maħtura f'tali kawża;*

*2.7. Ġie mgħallem illi the parties to the proceedings have the right to present the observations which they regard as relevant to their case. This right can only be seen to be effective if the observations are actually "heard", that is to say duly considered by the trial court. In other words, the "tribunal" has a duty to conduct a proper examination of the submissions, arguments and evidence adduced by the parties (Kraska v. Switzerland, § 30; Van de Hurk v. the Netherlands, § 59; Perez v. France, § 80). F'dan ir-rigward il-proċess quddiem l-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Ċivili żgur huwa nieqes għaliex hemm dubju serju kemm l-atti proċesswali li tagħhom ġiet ordnata l-allegazzjoni ġew tassew allegati. U anke jekk ġew allegati jidher illi ma nġabux a konjizzjoni ta' dik il-Qorti u ma ġewx proprjament eżaminati minnha x'ħin għaddiet għal prolazzjoni tas-sentenza tagħha billi mkien ma hemm referenza għalihom fl-istess sentenza u dan kif ser jiġi espost hawn taħt f'dan ir-rikors;*

*2.8. Il-proċess quddiem l-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Ċivili huwa vizzjat u l-pożizzjoni ta' l-esponenti ġiet ippreġudikata għaliex anke meta l-atturi f'dik il-kawża talbu l-ħatra ta' perit tekniku l-esponenti oġġezzjona minħabba l-fatt illi kien diga` rrelata l-Perit Rene' Buttiġieg fl-atti li kellhom jiġu allegati u dik il-Qorti ċaħdet it-talba proprju minħabba dik ir-raġuni. Huwa għalhekk kontro-sens illi dawk l-atti proċesswali ma ġewx meqjusa x'hin dik il-Qorti għaddiet għas-sentenza tagħha. Jekk il-Qorti dehrilha - bħal ma kienet il-fehma ta' l-esponenti - illi ġaladarba ġia irrelata l-Perit Rene' Buttiġieg bħala perit tekniku maħtur mill-Qorti ma kienx hemm lok li jerġa' jinħatar perit tekniku - allura dik il-Qorti messha ħadet konjizzjoni ta' dak illi irrelata l-perit tekniku msemmi u mhux x'ħin ma kienx hemm l-atti li suppost ġew allegati quddiemha xorta waħda għaddiet biex tat is-sentenza tagħha billi kkupjat dak li qal perit ex parte;*

*2.9. L-esponenti jsostni illi fil-konfront tiegħu ġie leż ukoll il-prinċipju ta' l-"equality of arms". Jekk l-atturi kellhom l-opportunita` li jressqu perit tekniku ex parte u l-esponenti ried li jkun hemm l-atti allegati sabiex ikun hemm l-opinjoni tal-perit tekniku maħtur mill-Qorti, il-fatt li ma kienx hemm l-atti allegati jew jekk kienu allegati ma ttieħdux in kunsiderazzjoni mill-Qorti fis-sentenza tagħha allura d-dritt ta' l-*

*esponenti ta' l-"equality of arms" ġie serjament leż u b'hekk ġie leż il-jedd fundamentali tiegħu ta' smigħ xieraq;*

*2.10. Huwa mgħallem illi: The principle of "equality of arms" is inherent in the broader concept of a fair trial. The requirement of "equality of arms", in the sense of a "fair balance" between the parties, applies in principle to civil as well as to criminal cases (Feldbrugge v. the Netherlands, § 44). Content: maintaining a "fair balance" between the parties: equality of arms implies that each party must be afforded a reasonable opportunity to present his case -including his evidence - under conditions that do not place him at a substantial disadvantage vis-a-vis the other party: Dombo Beheer B.V. v. the Netherlands, § 33.2*

*2.11. Element ieħor li minnu jilmenta l-esponenti huwa li l-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Ċivili ma ddeċidietx il-kawża entru żmien raġonevoli kif meħtieġ sabiex jingħata effett lil jedd fundamentali ta' smigħ xieraq ta' l-esponenti. F'dan ir-rigward jingħad illi l-kawża ħadet għaxar (10) snin sabiex ġiet deċiża b'ħafna minn dak iż-żmien okkupat minn differimenti mingħajr raġuni valida u mill-provi ta' l-atturi f'dik il-kawża illi ddikjaraw li ma għandhomx aktar provi waqt is-seduta ta' nhar it-30 ta' Mejju, 2013 jiġifieri tmien (8) snin wara li ppreżentaw il-kawża. Dana kollu biex ma jissemmiex id-dewmien li ser ikun hemm sakemm jiġi determinat l-appell ippreżentat mill-esponenti;*

*2.12. Tħares minn fejn tħares, il-proċess quddiem l-Onorabbli Prim'Awla tal-Qortl Ċivili kien wieħed li ma jwassalx għal salvagwardja tal-jedd ta' smigħ xieraq waqt tali proċeduri;*

*3. Dwar is-sentenza mogħtija mill-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Ċivili.*

*3.1. L-esponenti jissottometti wkoll illi anke s-sentenza nnifisha mogħtija mill-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tilledi l-jedd tiegħu għal smigħ xieraq u dana għar-raġunijiet illi ser jiġu spjegati fil-paragrafi li jmiss;*

*3.2. Minn qari ta' tali sentenza jidher li meta ingħatat minn dik il-Qorti, il-Qorti ma qieset xejn u bl-aktar mod assolut il-provi kollha akkwiżiti u r-relazzjonijiet tekniċi u legali li kienu jinstabu fil-proċessi li suppost kellhom jiġu allegati ma' l-atti tal-kawża hawn imsemmija;*

*3.3. In kwantu dawn kienu jiffurmaw il-bażi u s-sustanza tad-difiża tal-esponenti, l-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Ċivili kienet fid-dmir illi jekk tali atti ma kinux jinstabu allegati, tqajjem il-kwistjoni hija stess u jekk kieni allegati li tagħti r-raġunijiet għaliex hija ddiskostat ruħha għal kollox mis-sejbien tekniku f'dawk il-proċeduri ġudizzjarji preċedenti b'mod illi tat lok li jkun hemm ġudizzji konfliġġenti. Jinstab ritenut illi:*

*The guarantees enshrined in Article 6 § 1 include the obligation for courts to give sufficient reasons for their decisions (H. v. Belgium, § 53). A reasoned decision shows the parties that their case has truly been heard. Although a domestic court has a certain margin of appreciation when choosing arguments and admitting evidence, it is obliged to justify its activities by giving reasons for its decisions (Suominen v. Finland, § 36). The reasons given must be sue/as to enable the parties to make effective use of any existing right of appeal (Hirvisaari v. Finland, § 30 in fine). The extent to which this duty to give reasons applies may vary according to the nature of the decision (Ruiz Torija v. Spain, § 29; Hire Balani v. Spain, §27) and can only be determines in the light of the circumstances of the case: it is necessary to take into account, inter alia, the diversity of the submissions that a litigant may bring before the courts and the differences existing in the Contracting States with regard to statutory provisions, customary rules, legal opinion and the presentation and drafting of judgments (Ruiz Torija v. Spain, § 29; Hire Balani v. Spain, § 27);*

*3.4. Is-sentenza mogħtija mill-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Ċivili nhar is-26 ta Frar, 2015 tippekka wkoll in kwantu l-aspett ta' "legal certainty" bħal element ieħor tal-jedd ta' smigħ xieraq billi tmur kontra u hija dijametrikament opposta għal dak illi kien ġie deċiż u ritenut fil-proċeduri ġudizzjarji preċedenti hawn fuq imsemmija;*

*3.5. Tenut kont tal-fatt illi d-difiża ta' l-esponenti kienet impernjata fuq il-proċeduri ġudizzjarji preċedenti, is-sentenza mogħtija mill-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tippekka, hija vizzjata u tledi l-jedd ta' l-esponenti għal smigħ xieraq meta tinjora għal kollox il-provi u relazzjonijiet li għalihom irrefera l-esponenti fid-difiża tiegħu. Ma jistax jingħad illi s-sentenza in kwistjoni hija waħda motivata meta kull ma għamlet il-Qorti huwa illi kkupjat ir-relazzjoni teknika ex parte ippreżentata mill-atturi f'dik il-kawża u dan meta suppost kellu jkun hemm relazzjoni teknika ġudizzjarja fl-atti proċesswali li kellhom jiġu allegati;*

*3.6. L-intimat lanqas jista' jargumenta illi issa hemm ir-rimedju ta' l-appell illi għadu pendenti għaliex l-appell – l-aggravju relattiv - huwa ibbażat fuq in-nuqqas li l-atti proċesswali jiġu allegati kif kien ġie ordnat. Issa jista' jkun il-każ li l-atti kienu nstabu u ġew allegati iżda ma kinux qegħdin jimxu mal-proċess tal-kawża li għandha n-numru taċ-Ċitazzjoni 634/2005/SM fl-ismijiet Grezzju Farrugia et v. Alexander Barbara et u għalhekk meta l-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Ċivili għaddiet għas-sentenza tagħha, l-atti li suppost kellhom jiġu allegati ma kinux quddiemha u għalhekk ma ħaditx konjizzjoni tagħhom;*

*3.7. Kienet x'kienet is-sitwazzjoni, il-proċess quddiem l-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Ċivili huwa wieħed ivvizjat u ma jwassalx għal dawk il-garanziji meħtieġa sabiex jiġi salvagwardjat id-dritt ta' smigħ xieraq ta' l-esponenti;*

*4. Talbiet*

*4.1. Għal dawn ir-raġunijiet kollha, l-esponenti umilment jitlob illi dina l-Onorabbli Qorti jogħġobha:*

*(i) fl-ewwel lok, tiddikjara u tiddeċiedi illi matul il-proċess tal-kawża li għandha n-numru taċ-Ċitazzjoni 634/2005/SM fl-ismijiet Grezzju Farrugia et v. Alexander Barbara et ġie leż il-jedd tiegħu għal smigħ xieraq kif sanċit fl-artikolu 6 tal-Konvenzjoni għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fondamentali inkorporata fil-Liġijiet ta' Malta bis-saħħa tal-Kap. 319 tal-Liġijiet ta' Malta u dan għar-raġunijiet kollha spjegati f'dan ir-rikors;*

*(ii) fit-tieni lok, tiddikjara u tiddeċiedi illi inoltre, bis-sentenza nnifisha mogħtija fil-kawża li għandha n-numru taċ-Ċitazzjoni 634/2005/SM fl-ismijiet Grezzju Farrugia et v. Alexander Barbara et ġie leż il-jedd tiegħu għal smigħ xieraq kif sanċit fl-artikolu 6 tal-Konvenzjoni għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fondamentali inkorporata fil-Liġijiet ta' Malta bis-saħħa tal-Kap. 319 tal-Liġijiet ta' Malta u dan għar-raġunijiet kollha spjegati f'dan ir-rikors;*

*(iii) fit-tielet lok, tiddikjara u tiddeċiedi illi f'kull każ, il-jeddijiet fundamentali ta' l-esponenti, hawn fuq imsemmija, ser ikomplu jew x'aktarx ser ikomplu jiġu miksura jekk kemm-il darba ma tiġix imħassra s-sentenza mogħtija mill-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Ċivili nhar is-26 ta' Frar 2015 fil-kawża li għandha n-numru taċ-Ċitazzjoni 634/2005/SM fl-ismijiet Grezzju Farrugia et v. Alexander Barbara et;*

*(iv) konsegwentament tagħti dawk l-ordnijiet, toħroġ dawk l-atti u tagħti dawk id-direttivi li tqis xierqa sabiex twettaq, jew tiżgura t-twettiq tad-drittijiet fundamentali ta' l-esponenti hekk kif garantiti taħt il-Kostituzzjoni ta' Malta u taħt il-Konvenzjoni għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fondamentali u dana, fost affarijiet oħra, billi tħassar u tannulla s-sentenza mogħtija mill-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Ċivili nhar is-26 ta' Frar, 2015 fil-kawża li għandha n-numru taċ-Ċitazzjoni 634/2005/SM fl-ismijiet Grezzju Farrugia et v. Alexander Barbara et;*

*(v) tikkundanna lill-intimat iħallas id-danni sofferti mill-esponenti minħabba tali vjolazzjonijiet;*

*4.2. Bl-ispejjeż kontra l-intimat.*

2. Rat illi fit-28 ta' Awissu 2015, l-Avukat Ġenerali ippreżenta r-risposta tiegħu fejn laqa' għal dak mitlub billi qajjem is-segwenti difiżi:

*Illi l-pretensjonijiet tar-rikorrenti huma fis-sens illi l-proċeduri ċivili tal-kawża fl-ismijiet 'Grezzju Farrugia et vs. Alexander Barbara et (Citazz. 634/2005) huma vizzjati tant li allegatament jiksru d-drittijiet ta' l-istess rikorrenti għal smigħ xieraq fi żmien raġjonevoli kif protetti permezz ta' l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem u l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta. L-ilment tar-rikorrenti huwa bbażat fuq l-allegazzjoni li skont hu kien hemm numru ta' nuqqasijiet fil-proċeduri u fil-ġbir tal-provi, li s-sentenza mogħtija fis-26 ta' Frar 2015 mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali) ukoll tilledi d-drittijiet Rikors Kostituzzjonali Nru: 64/2015/LSO. 18 29 ta' Novembru 2018. fundamentali tiegħu u li kien hemm dewmien esagerat fil-proċeduri ċivili.*

*Illi l-esponenti jissottometti illi l-istess pretensjonijiet huma nfondati fil-fatt u fid-dritt għar-raġunijiet segwenti:-*

*1. Illi l-esponent jibda biex jirrileva in linea preliminari li hemm nuqqas serju fl-integrita` tal-ġudizzju. Bir-rikors odjern ir-rikorrenti qiegħed jattakka l-proċess kollu kemm hu tal-kawża fl-ismijiet Grezzju Farrugia et vs. Alexander Barbara et (634/2005), tant li fit-talbiet tiegħu qed jitlob lil din l-Onorabbli Qorti tħassar u tannulla s-sentenza tas-26 ta' Frar 2015, u dan mingħajr ma huma parti fil-kawża odjerna l-atturi Grezzju Farrugia, Francis Farrugia, Michelina mart Salvu Barbara u Mario Farrugia. Kif ser jiġi sottomess iktar 'il quddiem waqt is-smigħ tal-kawża, l-atturi żgur li għandhom interess kbir li jkunu parti f'din il-kawża ġaladarba kienu huma li fetħu l-proċeduri ċivili kontra r-rikorrenti u ngħataw sentenza favorevoli mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili u għalhekk biex il-ġudizzju jkun integru l-atturi għandhom ikunu parti ta' din il-kawża* wkoll.

*Fuq l-istess linja jingħad li n-nuqqasijiet li jsemmi ir-rikorrent fir-rikors promotur allegatament ikkawżahom id-Direttur, Qrati Ċivili u Tribunali pero` jiġi rilevat li d-Direttur, Qrati Ċivili u Tribunali m'huwiex parti mill-kawża u allura ma jistax jirrispondi għal dawn l-allegazzjonijiet. Għalhekk l-esponent huwa tal-umli fehma li d-Direttur, Qrati Ċivili u Tribunali għandu jkun parti f'din il-kawża wkoll.*

*2. Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost u in linea preliminari wkoll jiġi rilevat li r-rikorrent qed jabbuża mill-proċess kostituzzjonali stante illi qiegħed juża proċedura straordinarja bħal ma hija l-proċedura*

*odjerna meta għad hemm pendenti r-rimedju tal-appell sabiex jitħarsu d-drittijiet pretiżi minnu.*

*F'dan ir-rigward jiġi rilevat li r-rikorrent Alexander Barbara intavola appell mis-sentenza mogħtija mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili nhar is-26 ta' Frar 2015 liema appell għadu pendenti quddiem il-Qorti tal-Appell. Ġaladarba l-ilmenti imsemmija fir-rikors odjern huma "copy and paste" tal-aggravji imqajma fl-appell din il-kawża hija pależement intempestiva u abbużiva. Dan kollu jmur ukoll kontra l-prinċipju li din l-Onorabbli Qorti m'għandhiex tagħmilha ta' Qorti tal-Tielet jew tar-Raba' Istanza.*

*Illi għaldaqstant peress li dan ir-rikors huwa intempestiv għaliex għad hemm l-appell li jrid jiġi deċiż huwa opportun illi dina l-Qorti tiddeklina milli teżerċita l-poteri tagħha taħt il-Kapitolu IV tal-Kostituzzjoni u dan ai termini tal-Artikolu 46 (2) tal-Kostituzzjoni u l-proviso għall-Artikolu 4 (2) tal-Kapitolu 319 tal-Liġijiet ta' Malta, stante l-eżistenza ta' mezzi ordinarji ta' rimedju.*

*3. Illi mingħajr preġudizzju għal fuq espost u fuq il-mertu, l-esponent jirrileva li l-ilment prinċipali tar-rikorrenti jidher li hu bbażat fuq allegat nuqqas mid-Direttur, Qrati Ċivili u Tribunali li jallega l-atti tal-proċess numru 247/1979 kif mitlub mir-rikorrent u li dan kien ta' preġudizzju kbir għalih tant li ma kellux smigħ xieraq fil-kawża bi ksur tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea.*

*Illi dwar dan jingħad minnufih li din hija allegazzjoni li ma ġietx ippruvata. Min jallega irid jipprova u f'dan il-każ ir-rikorrent qiegħed jallega xi ħaga li ma ġietx ippruvata u anzi jidher li l-atti in kwistjoni ġew fil-fatt allegati mal-proċess ċivili. Għalkemm huwa minnu li d-Direttur, Qrati Ċivili u Tribunali ppreżenta nota fejn indika li l-proċess numru 247/1997 ma nstabx pero' jirriżulta bħala stat ta' fatt li eventwalment dawn l-atti instabu u konsegwentement ġew allegati mal-proċess numru 634/2005. Għalhekk dawn l-atti kienu u għadhom a dispożizzjoni tal-partijiet kollha fil-kawża u l-Prim' Awla Tal-Qorti Ċivili kellha kull fakulta' li tieħu konjizzjoni tagħom. B'hekk jiġi li dan l-ilment huwa assolutament infondat u bla bażi.*

*Fi kwalunkwe każ minn eżami tal-atti proċesswali ma jirriżultax li r-rikorrent ġie b'xi mod imċaħħad milli jressaq xi provi. Jekk wieħed jeżamina l-verbali tas-seduti, ir-rikorrent qatt ma qajjem din il-kwistjoni quddiem l-Ewwel Qorti u l-partijiet ingħataw kull possibbilita' li jressqu l-provi kollha li dehrilhom xierqa. Għalhekk ma kien hemm l-ebda ksur tal-prinċipju ta' l-equality of arms. L-esponent jerġa' jtenni li fuq din il-kwistjoni ta' provi hemm appell pendenti li għadu ma ġiex deċiż mill-Qorti ta' l-Appell u f'dan ir-rigward jiġi*

*nnutat ukoll li mar-rikors ta' l-appell, ir-rikorrenti eżebixxa numru konsiderevoli ta' provi u dokumenti in sostenn tal-aggravji li qajjem. Allura naturali wieħed isaqsi għalfejn dawn il-provi ma ġewx eżebiti mill-ewwel quddiem il-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili meta dawn kienu kollha disponibbli u produċibbli għar-rikorrenti?*

*Illi matul ir-rikors odjern, ir-rikorrent jgħid ripetutament li d-difiża tiegħu fil-kawża ċivili kienet ippernjata fuq l-eżitu tal-proċeduri ġudizzjarji numru 247/1979. Pero` anke hawn hekk tajjeb li jiġi rilevat li effettivament is-sentenza li tirrigwarda dik il-kawża fl-ismijiet Giovanni Barbara et vs. Carmelo Farrugia et deċiża mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fil-31 ta' Jannar 1997 ġiet eżebita in atti permezz ta' nota a fol 107 tal-proċess. Għalhekk il-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili ħadet konjizzjoni tal-konsiderazzjonijiet f'dik is-sentenza pero` xorta waħda fid-diskrezzjoni tagħha għamlet il-ġudizzju separat u distint tagħha. Jekk ir-rikorrent ma jaqbilx mal-konklużjonijiet tal-Ewwel Qorti ma jfissirx li ġie leż xi dritt fundamentali.*

*Illi għalhekk anke hawn jidher ċar li ma kien hemm l-ebda leżjoni tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrent.*

*4. Illi r-rikorrent jilmenta wkoll mill-fatt li s-sentenza stess mogħtija mill-Prim' Awla tal-Qorti tilledi d-drittijiet tiegħu għall-smigħ xieraq. F'dan ir-rigward l-esponent jerġa' jtenni li l-mansjoni ta' din l-Onorabbli Qorti mhijiex li toqgħod tirrevedi u tagħmel apprezzament mill-ġdid tal-provi fil-kawża ċivili bħala Qorti tat-Tielet jew tar-Raba' Istanza. Hemm appell li għadu pendenti u għalhekk se mai hija l-Qorti tal-Appell li għandha tara jekk l-aggravji li qajjem ir-rikorrent, li jolqtu direttament il-mertu tal-kawża ċivili, humiex ġustifikati jew le u jekk is-sentenza appelleta hijiex nulla jew le.*

*5. Illi dwar l-ilment tad-dewmien tal-proċeduri l-esponent jirrileva li jekk kien hemm xi dewmien dan żgur ma ikkawżahx l-Avukat Ġenerali ġaladarba lanqas biss huwa parti fil-kawża. Minn eżami tal-verbali jidher ċar li kienu l-partijiet stess li damu ħafna biex itellgħu l-provi tagħhom.*

*Illi skont il-ġurisprudenza assodata kemm nostrali kif ukoll dik Ewropea, sabiex Qorti tasal għal konklużjoni dwar jekk kienx hemm ksur tad-dritt ta' smigħ xieraq fi żmien raġonevoli, l-proċedura ġudizzjarja mertu tal-allegazzjonijiet trid tkun eżaminata fl-assjem tagħha u ma jistax ikun eżaminat biss element jew parti waħda minn din il-proċedura.*

*Illi hu aċċettat illi ma hemm l-ebda 'time limit' li Qorti trid bilfors tosserva fil-kors tal-proċeduri quddiemha għax altrimenti l-interessi tal-ġudizzju jiġu preġudikati minħabba għaġġla żejda u inkonsulta.*

*Illi sabiex dina l-Onorabbli Qorti tkun tista' tikkonsidra b'mod serju t-talba tar-rikorrenti jrid jiġi ppruvat illi mhux biss il-każ dam pendenti iżda li tali dewmien huwa wieħed kapriċċuż u ntiż biex jiżvantaġġahom fit-tgawdija tad-drittijiet tagħhom skont il-Liġi.*

*Illi in vista tas-suespost ma hemm l-ebda ksur tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrent.*

*6. Salv eċċezzjonijiet oħra permessi mil-liġi.*

*7. Bl-ispejjeż.*

3. Rat illi fid-29 ta' Novembru 2018, dina il-Qorti, diversament ippresjeduta, ma laqgħetx it-talba rikorrenti u qalet dan li ġej:

*Illi għal dak li jirrigwarda l-aggravju dwar in-nuqqas ta' allegazzjoni tal-atti, tali aggravju jeħtieġ indaġni ta' fatt li jispetta fl-ewwel lok, lill-Qorti tal-Appell li hija adita b'kompetenza ordinarja li tiddetermina jekk dak li qed jallega l-appellant huwa minnu.*

*Meta wieħed iqis l-aggravji kollha ssollevati, din il-Qorti hija tal-ġudizzju li ma hemm xejn li jipprekludi lill-Qorti tat-tieni grad milli tħassar is-sentenza appellata jekk jirriżulta dak li qed jallega ir-rikorrent in toto jew in parte. Kwindi r-rikorrent għad għandu rimedju ordinarju effettiv għall-ilmenti tiegħu li għadhom ma ġewx eżawriti.*

*Għal dawn il-motivi taqta' u tiddeċiedi billi tiddeklina milli teżerċita` s-setgħat tagħha fit-termini tal-proviso tal-artikolu 4(2) tal-Kap 319 tal-Liġijiet ta' Malta u b'hekk tilqa' l-eċċezzjoni tal-intimat u tal-kjamati fil-kawża tan-nuqqas ta' eżawriment ta' rimedji ordinarji.*

4. Rat illi r-rikorrenti appella minn tali deċiżjoni u, fl-20 ta' Lulju 2020, il-Qorti Kostituzzjonali laqgħet it-talba tar-rikorrenti, limitatament, u dana billi qalet is-segwenti:

*1. Tilqa' l-aggravju tal-attur li l-ewwel Qorti ma kellhiex terżerċita l-jedd li tirrifjuta li teżerċita s-setgħat tagħha (proviso tal-Artikolu 4(2) tal-Kap. 319) limitatament fir-rigward tal-ilment li seħħ ksur tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea minħabba li l-attur qiegħed jallega li ma ngħatax smigħ fi żmien raġonevoli.*

*2. Tiċħad il-kumplament tal-aggravji tal-attur.*

*3. Tvarja s-sentenza tal-ewwel Qorti tad-29 ta' Novembru, 2018 fis-sens li fir-rigward tal-ilment tal-attur li ma ngħatax smigħ fi żmien raġonevoli fil-kawża 634/2005, tiċħad l-eċċezzjoni tal-Avukat Ġenerali, il-konvenuti Farrugia, Barbara u d-Direttur Qrati Ċivili u Tribunali li l-attur naqas milli jeżawrixxi r-rimedji ordinarji qabel ippreżenta din il-kawża. Għaldaqstant, tordna l-prosegwiment tal-kawża limitatament fir-rigward ta' dak l-ilment biss.*

*4. Tikkonferma l-kumplament tas-sentenza, b'dan li l-ispejjeż tal-ewwel istanza jinqasmu in kwantu għal 60% a karigu tal-attur u 40% a karigu tal-konvenut u l-imsejħin fil-kawża. Bl-istess mod għandhom jinqasmu l-ispejjeż tal-appell.*

*Tordna lir-Reġistratur sabiex jibgħat l-atti lura lill-ewwel Qorti* ***sabiex tiddeċiedi dwar l-ilment tal-attur li fil-kawża ma ingħatax smigħ xieraq fi żmien raġonevoli.***

5. Rat illi l-Qorti Kostituzzjonali, fir-raġunament minnha magħmul sabiex waslet għall-konklużjoni finali tagħha, kellha dan xi tgħid:

*12. Fir-rikors promotur tal-attur, wieħed mill-ilmenti jaqra:-*

> *"2.11 Element ieħor li minnu jilmenta l-esponenti huwa li l-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Ċivili ma ddeċidietx il-kawża entru żmien raġonevoli kif meħtieġ sabiex jingħata effett lil jedd fundamentali ta' smigħ xieraq tal-esponenti. F'dan ir-rigward jingħad illi l-kawża ħadet għaxar (10) snin sabiex ġiet deċiża b'ħafna minn dak iż-żmien okkupat minn differimenti mingħajr raġuni valida u mill-provi tal-atturi f'din il-kawża illi ddikjaraw li ma għandhomx aktar provi waqt is-seduta ta' nhar it-30 ta' Mejju, 2013 jiġifieri tmien (8) snin wara li ppreżentaw il-kawża. Dan kollu biex jissemmiex id-dewmien li ser ikun hemm sabiex jiġi determinat l-appell ippreżentat mill-esponenti".*

*13. Fis-sentenza ma saret l-ebda konsiderazzjoni dwar dak l-ilment, li evidentement sfuġġa lill-ewwel Qorti. Ilment li m'huwiex ta' kompetenza tal-Qorti tal-Appell li għad trid tiddeċiedi l-appell 634/2005. Għaldaqstant, fir-rigward tal-ilment tal-attur li ma ngħatax smigħ xieraq fi żmien raġonevoli, l-ewwel Qorti kellha d-dmir tistħarreġ l-ilment tal-attur.*

*14. Għaldaqstant, ser jintlaqa' l-ewwel aggravju. Għalkemm f'paragrafu 4.8 tar-rikors tal-appell l-attur ta d-dettalji ta' x'ġara waqt is-seduti li saru fil-kawża 634/2005, dak it-tagħrif m'huwiex rilevanti għal finijiet tal-appell li qiegħed jiġi deċiż b'din is-sentenza. M'hemmx deċiżjoni fil-meritu tal-ewwel Qorti dwar seħħx ksur tal-jedd għal smigħ xieraq fil-kawża*

*634/2005 minħabba allegat dewmien mhux raġonevoli. Dik hi materja li l-ewwel trid tiddeċiedi l-ewwel Qorti. Għalhekk l-atti ser jintbagħtu lura lill-ewwel Qorti sabiex tiddeċiedi dwar dak il-meritu.*

**Ikkunsidrat**

6. Jirriżulta, mill-assjem tal-provi, illi l-proċeduri odjerni jippernjaw fuq azzjoni mibdija perezz ta' Ċitazzjoni quddiem il-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili, ossija **Ċitazzjoni 634/2005 fl-ismijet 'Grezzju Farrugia vs Alexander Barbara'**, illi kienet intavolata kontra r-rikorrent odjern, Alexander Barbara, quddiem il-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fl-1 ta' Lulju 2005, u li eventwalment ġiet deċiża fis-26 ta' Frar 2015 b'eżitu negattiv fil-konfront tar-rikorrent odjern Alexander Barbara.

7. Jirriżulta illi l-proċeduri odjerni ġew intavolati fl-4 ta' Awissu 2015, ossija ftit wara d-deċiżjoni fuq imsemmija, u wara illi l-stess rikorrent odjern kien intavola Appell quddiem il-Qorti tal-Appell fis-17 ta' Marzu 2015 mid-deċiżjoni tal-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fil-kawża Grezzju Farrugia vs Alexander Barbaram fuq ċitata.

8. Jirriżulta illi l-appell intavolat quddiem il-Qorti tal-Appell fis-17 ta' Marzu 2015 ġie eventwalment appuntat għas-smiegħ għat-13 ta' Ottubru 2020, meta l-kawża ma setgħetx issir stante illi r-rikorrent kien naqas milli jinnotifika lil Michelina Barbara u Mario Farrugia.

9. Jirriżulta illi sussegwentement, fl-10 ta' Novembru 2020, deħru l-partjiet assistiti u il-kawża ġiet differita għall-finali trattazzjoni għall-1 ta' Diċembru 2020, wara liema trattazzjoni l-kawża ġiet differita għas-sentenza fis-27 ta' Jannar 2021, meta eventwalment l-appell tar-rikorrenti ġie deċiż favur tiegħu.

10. Jirriżulta, di fatti, illi fis-sentenza tas-27 ta' Jannar 2021, il-Qorti tal-Appell għamlet is-segwenti osservazzjoni:

*20. Fil-fehma ta' din il-Qorti l-fatt li l-atti tal-kawża 247/79/FGC u tal-mandat tal-inibizzjoni 97/79 ma kinux allegati, meta suppost kienu allegati, huwa difett li jippreġudika l-jedd ta' smigħ xieraq ai termini tal-Artikolu 790. Multo magis meta jikkontjenu r-rapport tekniku/ pjanti tal-perit Rene Buttiġieg b'informazzjoni dettaljatissima u rilevantissima għall-ġardina in kwistjoni u li l-Prim'Awla fil-kawża ta' spoll 247/79/FGC straħet fuqhom biex waslet għall-ġudizzju tagħha. Permezz ta' tali atti – b'mod partikolari r-rapport u l-pjanti tal-perit Rene Buttiġieg - l-ewwel Qorti f'din il-kawża kienet tkun f'pożizzjoni li jkollha stampa aktar ċara tal-fatti li taw lok għal kawża u tikkonsidra l-fatti kollha li suppost kellha a disposizzjoni tagħha.*

*21. Ikkunsidrat dan kollu din il-Qorti jidhrilha li l-ewwel aggravju tal-konvenuti appellanti huwa ampjament fondat għaliex is-sentenza*

*appellata hija fil-fatt nulla għar-raġunijiet fuq mogħtija. Fiċ-ċirkostanzi mhux il-każ li tikkonsidra l-aggravji l-oħra.*

*Decide*

*22. Għal dawn il-motivi din il-Qorti tilqa' l-ewwel aggravju tal-appell tal-konvenuti, tħassar is-sentenza appellata tas-26 ta' Frar 2015 u tibgħat l-atti lura lill-ewwel Qorti sabiex il-kawża tiġi deċiża wara li tittieħed konsiderazzjoni tal-atti tal-kawża 247/79/FGC u tal-mandat tal-inibizzjoni 97/79, li inċidentalment issa jidher li ġew rintraċċjati u jinsabu allegati mal-proċess ta' din il-kawża.*

*23. L-ispejjeż tal-appell għandhom jitħallsu mill-atturi appellati.*

11. Jirriżulta illi, sussegwentement, il-kawża ġiet appuntata għas-smigħ għat-12 ta' April 2021 u wara li saru l-verifiki neċessarji li l-atti tal-kawża ossija Ċitazzjoni Nru 247/79 u tal-Mandat ta' Inibizzjoni 97/79 kienu attwalment ġew allegati mal-proċess, il-partijiet għaddew biex għamlu sottomissjonijiet bil-miktub tagħhom, fejn il-konsulent legali ta' Grezzju Farrugia ppreżenta s-sottomissjonijiet tiegħu fis-7 ta' Lulju 2021 filwaqt illi l-konsulent legali ta' Alexander Barbara, rikorrent fil-proċeduri odjerni, ippreżenta s-sottomissjonijiet tiegħu bil-miktub.

12. Jirriżulta illi fis-17 ta' Novembru 2021 il-kawża tħalliet għas-sentenza w illum stess, 16 ta' Diċembru 2021, ingħatat is-sentenza finali minn dina l-Qorti kif ippresjeduta.

13. Jirriżulta illi, fis-sentenza mogħtija illum stess, il-Qorti għaddiet biex ċaħdet il-pretensjoni kollha ta' Grezzju Farrugia et fil-konfront tar-rikorrent odjern, bl-ispejjeż kontra tagħhom.

## Ikkunsidrat

14. Jirriżulta illi, kif indikat il-Qorti Kostituzzjonali fid-deċiżjoni tagħha tal-20 ta' Lulju 2020, dina l-Qorti trid tinvestiga l-allegat ksur tal-jedd tar-rikorrenti għal smigħ xieraq fil-proċeduri illi kienu qed jinstemgħu qudiem il-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili, u dana b'referenza speċifika għad-dewmien fil-proċeduri.

15. Jirriżulta, għalhekk, illi la darba l-kwistjoni tirrigwarda dewmien fil-proċeduri, ikun opportun illi jiġi eżaminat il-proċess sabiex jiġi stabbilit jekk kienx hemm dewmien u min ikkawżah!

16. Jirriżulta illi ċ-ċitazzjoni ġiet intavolata minn Grezzju Farrugia, Francis Farrugia, Michelina Barbara u Mario Farrugia kontra Alexander Barbara u Francesca Farrugia fl-1 ta' Lulju 2005, u fil-5 ta' Lulju 2005 ġiet appuntata għas-smigħ għas-7 ta' Novembru 2005.

17. Jirriżulta illi r-risposta ta' Alexander Barbara u Francesca Farrugia ġiet ippreżentata fil-21 ta'Lulju 2005.

18. Jirriżulta illi fis-**7 ta' Novembru 2005**, filwaqt li l-kawża kienet stradata biex l-intimat, rikorrent odjern, irresaq il-provi tiegħu fuq it-tieni eċċezzjoni tiegħu, liema eċċezzjoni kienet tgħid illi l-atturi ma kinux propretarji ta' sehem indiviż tal-ġardina, a differenza ta' dak minnhom pretiż, huwa talab il-Qorti għall-allegazzjoni tal-atti tal-kawża 247/79 fl-ismjiet Giovanna Barbara vs Carmelo Farrugia w tal-Mandat ta' Inibizzjoni Nru 97/79 fl-istess ismijiet, liema talba ma kinetx opposta u ġiet milqugħa.

19. Jirriżulta illi fit-**28 ta' Frar 2006**, il-konsulent legali tar-rikorrent odjern talab żmien sabiex "teżamina l-atti li ġew allegati u dana għal verifika dwar provi li għandhom isiru dwar it-tieni eċċezzjoni",

20. Jirriżulta, għalhekk illi fit-28 ta' Frar 2006, l-atti kienu ġew allegati tal-proċeduri ta' dak iż-żmien u kienu aċċessibbli lil kulħadd, inkluż ir-rikorrenti odjern.

21. Jirriżulta illi fit-**30 ta' Mejju 2006** il-Qorti ma żammitx seduta filwaqt illi fit-**13 ta' Novembru 2006**, il-kawża ġiet differita mill-Imħallef Gino Camilleri sabiex tibda tinstema' mill-Imħallef Abigail Lofaro.

22. Jirriżulta illi, għal raġunijiet ta' mard, is-seduta tal-**5 ta' Diċembru 2006** u tat-**13 ta' Marzu 2007** ma sarux.

23. Jirriżulta illi, fid-**19 ta' Ġunju 2007**, meta ssejħet il-kawża ma deher ħadd mid-difensuri tal-partijiet u l-kawża ġiet differita għall-**4 ta' Diċembru 2007**, fejn is-seduta ma seħħitx minħabba f'indisposizzjoni tal-Qorti.

24. Jirriżulta illi fit-**3 ta' April 2008**, għal raġuni mhux spjegata, il-partijiet għarrfu lill-Qorti illi l-proċess ma kienx ġie allegat u għalhekk kellu jkun allegat.

25. Jirriżulta illi fl-**4 ta' Ġunju 2008** id-Direttur, Qrati Ċivili u Tribunali, għarraf lill-Perit illi "*għalkemm saret tfittxija intensiva, il-volum fejn hemm il-proċessi deċiżi f'Jannar 1997 baqa ma nstabx*" kif ukoll illi "*għal dak li jirrigwarda l-Mandat ta' Inibizzjoni Nru 97/79 fil-volum kien hemm notament li dan il-mandat kien ittieħed minn Dr A Farrugia fl-1 ta' Gunju 1984*" (li jirriżulta kien appuntat bħala Perit Legali sabiex jirrelata fil-kawża 247/79 FGC)

26. Jirriżulta illi fl-4 ta' Ġunju 2008, il-Qorti, wara li rat tali nota, ddifferit il-kawża għall-informazzjoni, u hekk reġgħet għamlet fit-**18 ta' Novembru 2008** u **18 ta' Marzu 2009**.

27. Jirriżulta illi fl-**24 ta' Novembru 2009** il-kawża ġiet differita għall-provi ta' Farrugia, rikorrenti f'dawk il-proċeduri, fejn fl-**10 ta' Marzu 2010**, għarraf lill-Qorti li kien ser jippreżenta affidavits, filwaqt illi fis-**6 ta' Ottubru 2010** u d-**19 ta' Jannar 2011**, ħarrek lill-Perit Valerio Schembri sabiex jixhed, imma dana ma deherx.

28. Jirriżulta illi fil-**5 ta' April 2011** xehed il-Perit Valerio Schembri u, sussegwentement, fil-15 ta' Frar 2012, ippreżenta r-rapport illi huwa kien irrediġa fid-9 ta' Ġunju 2005 u li huwa kien semma' fix-xhieda tiegħu.

29. Jirriżulta illi fis-**27 ta' Ottubru 2011**, il-kawża ġiet assenjata lill-Imħallef Silvio Meli u l-partijiet ma ressqu ebda provi filwaqt illi fid-**9 ta' Frar 2012**, għarrfu lill-Qorti illi kien baqagħlhom jirriċerkaw is-sentenza tal-31 ta' Jannar 1997, Ċitazzjoni Nru 247/79 FGC u għalhekk talbu differiment sabiex jeffettwaw ir-riċerki meħtieġa.

30. Jirriżulta illi fit-**8 ta' Mejju 2012**, l-intimat, rikorrent odjern, ippreżenta kopja tas-sentenza fuq ċitata, filwaqt illi xehed Francis Farrugia dakinhar.

31. Jirriżulta illi fid-**29 ta' Mejju 2012**, xehed Grezzju Farrugia.

32. Jirriżulta illi fl-**10 ta' Ottubru 2012**, xehdet Michelina Barbara.

33. Jirriżulta illi fil-**5 ta' Diċembru 2012**, ma deher ħadd u għalhekk il-kawża ma setgħetx issir filwaqt lli fis-**7 ta' Marzu 2013**, is-seduta ma saritx fuq talba tal-konsulent legali tar-rikorrenti f'dawk il-proċeduri peress illi kellu impenji politiċi.

34. Jirriżulta illi fit-**30 ta' Mejju 2013**, xehed Mario Farrugia w ir-rikorrenti f'dawk il-proċeduri ddikjaraw illi ma kellhomx aktar provi.

35. Jirriżulta illi fl-**10 ta' Ġunju 2013**, ir-rikorrenti f'dawk il-proċeduri talbu l-ħatra ta' Perit Tekniku, liema talba ġiet miċħuda fit-28 ta' Ġunju 2012 wara oġġezzjoni ta' l-intimat, rikorrent fil-proċeduri odjerni.

36. Jirriżulta illi fl-**10 ta' Novembru 2013**, l-intimat, rikorrent odjern, naqas milli jidher biex iressaq il-provi tiegħu.

37. Jirriżulta illi fil-**11 ta' Diċembru 2013**, xehed l-intimat, rikorrent fil-proċeduri odjerni, Alexander Barbara w it-tifel tiegħu Mario Barbara.

38. Jirriżulta illi fis-**26 ta' Frar 2014**, l-intimat, rikorrent fil-proċeduri odjerni, għarraf lill-Qorti illi ma kellux aktar provi x'jippreżenta.

39. Jirriżulta illi fis-**27 ta' Marzu 2014**, is-seduta ma saritx fuq talba tal-konsulent legali ta' l-intimat, rikorrenti fil-proċeduri odjerni.

40. Jirriżulta illi fit-**3 ta' Ġunju 2014**, saru l-kontro eżamijiet ta' Grezzju Farrugia u Alexander Barbara.

41. Jirriżulta illi fil-**11 ta' Novembru 2014**, l-abbli difensuri tal-partijiet ittrattaw il-każ, w il-kawża tħalliet għas-sentenza għas-26 ta' Frar 2015.

42. Jirriżulta illi fis-26 ta' Frar 2015, il-kawża ġiet deċiża.

## Ikkunsidrat

43. Kif ġie rilevat mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali) fis-sentenza ben riċerkata u erudita per Imħallef Toni Abela mogħtija fis-16 ta' Settembru 2021 fil kawża "**Anthony Mario Vella vs Reġistraur tal-Qorti et**"

> *Sabiex jiġi żgurat dan il-bilanċ, fil-kejl tagħha tar-raġjonevolezza taż-żmien il-Qorti Ewropea, u bl-istess mod il-Qrati tagħna, konsistentement qieset iċ-ċirkostanzi individwali u partikolari tal-każ fid-dawl ta' erba' kriterji ġenerali (ara fost ħafna oħrajn Kurzac v. Poland § 30; Comingersoll S.A. v. Portugal [GC]; Frydlender v. France [GC], § 43; Sürmeli v. Germany [GC], § 128; Lupeni Greek Catholic Parish and Others v. Romania [GC], § 143; Nicolae Virgiliu Tănase v. Romania [GC], § 209).*
>
> *Dawn huma:*
>
> *(i) il-kumplessità tal-każ;*
> *(ii) il-kondotta tal-parti li qed tilmenta;*
> *(iii) il-kondotta tal-awtorijiet kompetenti, jiġifieri l-azzjonijiet tal-qorti in kwistjoni u tal-awtoritajiet governattivi oħra involuti fil-proċess;*
> *(iv) l-importanza tal-każ għall-attur;*

44. Applikati dawn il-kriterji, il-Qorti tgħaddi biex tagħmel is-segwenti osservazzjonijiet.

45. Kif ġie osservat aktar 'il fuq minn dina l-Qorti, l-kawża odjerna ġiet intavolata mir-rikorrent wara illi l-kawża li kienet ġiet intavolata kontrieh minn kuġin tiegħu Grezzju Farrugia flimkien ma' kuġini tiegħu fis-sena 2005 kienet ġiet deċiża kontra tiegħu fis-sena 2015.

46. Jiġi osservat illi l-kawża odjerna kellha, oriġinalment, żewġ binarji differenti – waħda ta' ksur minħabba f'dewmien u oħra ta' ksur minħabba fil-fatt illi l-Ewwel Qorti kienet naqqset milli tagħti piż lill-atti ta' kawża intavolata fis-sena 1979 u l-istess meritu li kienet, iżda ġiet deċiża a favur tar-rikorrent odjern.

47. Jiġi rilevat wkoll illi, dwar dana t-tieni ilment, il-Qorti Kostituzzjonali kienet ikkonkludiet illi r-rikorrent kellu r-rimedju ordinarju, illi kien l-appell illi huwa kien intavola sitt xhur qabel, quddiem il-Qorti tal-Appell, u għalhekk din il-Qorti ma kinetx indirizzata sabiex terġa' tikkunsidra tali lment mill-ġdid.

48. Jiġi osservat wkoll illi, wara kollox, il-Qorti tal-Appell laqgħet l-appell tar-rikorrent odjern, u annullat is-sentenza, li eventwalment ġiet deċiża illum stess.

49. Għalhekk, kull ma fadallha tosserva, dina l-Qorti, hija l-ilment tar-rikorrent li l-kawża 634/2005 ħadet wisq żmien sabiex tigi deċiża.

50. Jirriżulta, mill-eżami akkurat tal-proċess Ċitazzjoni Nru 634/2005, illi f'dawk il-proċeduri saru b'kollox, wieħed u tletin seduta (31), li minnhom ħamsa (5) ma seħħewx minħabba f'indisposizzjoni tal-Qorti, filwaqt illi f'sebgħa (7) seduti ġew prodotti xhieda u fir-rimanenti dsatax-il (19) seduta, kienu l-konsulenti legali jew tar-rikorrent odjern stess jew ta' Grezzju Farrugia, illi talbu differiment.

51. Jirriżulta wkoll illi, għalkemm il-pern tal-azzjoni odjerna tidher illi kienet ippernjata fuq l-asserzjoni illi l-proċess tal-każ 247/79 u l-Mandat ta' Inibizzjoni 97/79 ma kinux ġew allegati mal-proċeduri 634/2005, li fiha r-rikorrent qiegħed jilmenta l-ksur, dina l-argumentazzjoni kollha sfaxxat fix-xejn meta irriżulta li, a differenza ta' dak allegat mir-rikorrent, tali proċess kien attwalment allegat mal-proċess 634/2005, tant illi, fit-28 ta' Frar 2006, kienet il-konsulenta legali tar-rikorrent stess li talbet differiment biex tara dak illi kien ġia allegat.

52. Filwaqt illi l-Qorti tifhem illi r-rikorrent odjern seta' kien urtat mill-fatt illi l-kawża 634/2005 kienet ġiet deċiża kontra tiegħu wara li l-kawża 247/79 fuq l-istess biċċa art, ossija ġardina, kienet ġiet deċiża favur tiegħu, u seta' kien urtat ukoll mill-fatt illi ngħata x'jifhem illi l-ewwel Qorti ma tatx każ l-eżitu tal-kawża 247/79 li, wara kollox, ġiet deċiża fil-31 ta' Jannar 1997, ma tistax ma tosservax illi d-dewmien li seta' seħħ fil-proċeduri 634/2005 ma seħħewx minħabba f'xi dewmien attribwibbli lill-Qorti jew l-Amministrazzjoni tal-Qorti, iżda hija attribwibbli prinċipalment lill-aġir, jew inkella nuqqas ta' preparazzjoni, da parte tal-konsulenti legali taż-żewġ partijiet fil-kawża.

53. Jidher ċar, di fatti, illi kieku l-konsulenti legali tal-partijiet ppreparaw il-kawża tagħhom fir-reqqa dakinhar li ġiet intavolata l-kawża, ċertament dik il-kawża setgħet tiġi deċiża ferm qabel – jingħad, biss biss, illi r-rikorrenti f'dawk il-proċeduri, ossija l-kjamati in kawża fil-proċeduri odjerni, ippreżenta rapport li kien redatt mill-Perit 'ex parte' tiegħu fis-sena 2005, fis-sena 2012 – aktar minn sebgħa snin wara.

54. Il-Qorti tosserva illi, filwaqt illi huwa minnu illi l-Qrati għandhom jassikuraw illi l-proċeduri jitmexxew bi speditezza u effiċjenza, ċertament, fil-każ odjern, jirriżulta illi l-Qorti għamlet l-għalmu tagħha sabiex il-kawża titmexxa 'l-quddiem, iżda kienu l-Avukati tal-partijiet, inkluż il-konsulent legali tar-rikorrent odjern, illi wasslu għal dewmien fil-proċeduri 634/2005, u l-Qorti tħoss illi l-Istat ma għandux jinżamm responsabbli għal nuqqasijiet imputabbli unikament lejn l-Avukati li mexxew il-proċeduri.

55. Finalment, il-Qorti ma tistax ma tosservax, bi tħassib, il-prassi reċenti adoperata minn xi membri tal-Avukatura fejn, bil-għan illi jkattru x-xogħol ġudizzjarju, possibbilment tagħhom ukoll, bil-pretest illi l-klijent tagħhom sofra xi tip ta' ksur tad-drittijiet fundamentali tiegħu, jintavolaw mirijadi ta' proċeduri ta' natura

Kostituzzjonali mingħajr ma jistennew illi r-rimedji ordinarji li huma għandhom jiġu konklużi.

56. Fil-każ odjern, huwa ċar illi l-ilment Kostituzzjonali ma sarx għax kien hemm dewmien, iżda sar prinċipalment għax fis-sentenza 634/2005 deċiża fis 26 ta' Frar 2015 ma kienx ingħata piż lill-kawża 247/79 w il-konklużjoni tagħha ibbażata fuq ir-rapport tal-Perit Rene' Buttiġieg – il-Qorti tal-Appell eventwalment tat lir-rikorrenti r-rimedju illi kien lilu spetta mingħajr il-ħtieġa ta' proċeduri Kostituzzjonali, u di fatti annullat is-sentenza tas-26 ta' Frar 2015.

57. Dewmien fil-proċeduri 634/2005, seħħ minħabba nuqqasijiet attribwibbli prinċipalment lill-Avukati w mhux lill-Qorti u/jew l-Amministrazzjoni tagħha.

58. Għalhekk, la darba d-dewmien ġie rekat ukoll mill-konsulent legali tar-rikorrent, il-Qorti ma tarax kif jista' jikkontempla illi ġew lilu leżi xi drittijiet ta' smiegħ xieraq meta kien huwa stess li tawwal tali proċeduri.

59. Id-dritt tas-smiegħ xieraq huwa dritt sacrosant illi dina l-Qorti hija obbligata illi tiddefendi u tipproteġi, u ser tassikura li tiddefendi kull fejn hemm bżonn, imma meta parti tabbuża mis-sistema a benefiċċju tagħha, il-Qorti ma tistax tippremja tali abbuż billi tiddikjara li ġie lilha leż xi dritt, u dana peress illi huwa ċar li tali dewmien seħħ riżultat ta' nuqqasijiet attribwibbli lill-partijiet, inkluż ir-rikorrent, u mhux attribwibbli lis-sistema ġudizzjarja illi, għalkemm ċertament għandha l-problemi w id-diffikultajiet kbar tagħha, fil-każ odjern ma naqqsitx id-dritt ta' smiegħ xieraq lir-rikorrent.

60. Għalhekk, il-Qorti tqis illi ma huwiex minnu illi r-rikorrent ma ngħatax smiegħ fiż-żmien raġjonevoli.

## Konklużjoni

Il-Qorti,

Wara illi rat is-sentenza mogħtija mill-Qorti Ċivili – Prim' Awla (Sede Kostituzzjonali) tad-29 ta' Novembru 2018 u s-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali tat-20 ta' Lulju 2020 fejn bagħet lura l-atti sabiex jiġi deċiż l-ilment tar-rikorrent li ma ngħatax smiegħ fi żmien raġjonevoli fil-kawża "Grezzju Farrugia et vs Alexander Barbara et", Ċitazzjoni Nru 634/2005 deċiża fis-26 ta' Frar 2015.

Wara illi rat l-atti tal-kawża "Grezzju Farrugia et vs Alexander Barbara et", Ċitazzjoni Nru 634/2005 deċiża fis-26 ta' Frar 2015.

Wara illi rat is-sentenza finali fil-kawża "Grezzju Farrugia et vs Alexander Barbara et", Ċitazzjoni Nru 634/2005 mogħtija illum stess minn dina l-Qorti stess.

Tgħaddi biex taqta' u tiddeċiedi l-vertenza billi:

Tiddikjara illi matul il-proċess tal-kawża li għandha n-numru taċ-Ċitazzjoni 634/2005/SM fl-ismijiet Grezzju Farrugia et v. Alexander Barbara et **ma ġiex leż** il-jedd tar-rikorrent Alexander Barbara għal smigħ xieraq kif sanċit fl-artikolu 6 tal-Konvenzjoni għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fondamentali inkorporata fil-Liġijiet ta' Malta bis-saħħa tal-Kap. 319 tal-Liġijiet ta' Malta.

Spejjeż tal-kawża odjerna għandhom jinqasmu, in kwantu għal 60%, a kariku tar-rikorrent, u in kwantu għal 20% a kariku tal-konvenut u in kwantu għal 20% għall-imsejħin fil-kawża.

**Francesco Depasquale** **LL.D. LL.M. (IMLI)**
**Imħallef**

**Rita Sciberras**
**Deputat Reġistratur**